

# Il-Ġurnal Uffiċjali C 305

## tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 61

30 ta' Awwissu 2018

Werrej

### II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2018/C 305/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8970 — Sumitomo/Parkwind/Northwester2) <sup>(1)</sup> .....	1
2018/C 305/02	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8879 — JERA Trading/LNG Optimisation) <sup>(1)</sup> .....	1

### IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2018/C 305/03	Rata tal-kambju tal-euro .....	2
2018/C 305/04	Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea .....	3
2018/C 305/05	Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea .....	4
2018/C 305/06	Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni .....	6

#### **Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**

2018/C 305/07	Sommarju tal-Opinjoni dwar il-proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-użu mill-ġdid ta' Informazzjoni tas-Settur Pubbliku (PSI) .....	7
---------------	--	---

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

## INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2018/C 305/08	Avviż informattiv tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità — Impożizzjoni ta' obbligi tas-servizz pubbliku fir-rigward tas-servizzi tal-ajru bi skeda <sup>(1)</sup> ..... 10
2018/C 305/09	Avviż informattiv tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità — Modifika tal-obbligi tas-servizz pubbliku fir-rigward tas-servizzi tal-ajru bi skeda <sup>(1)</sup> ..... 11
2018/C 305/10	Avviż informattiv tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità — Sejħa għall-offerti għall-operat tas-servizzi tal-ajru bi skeda skont l-obbligi tas-servizz pubbliku <sup>(1)</sup> ..... 12

## INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

### Il-Kumitat Permanenti ta' l-Istati EFTA

2018/C 305/11	Sustanzi perikolużi — Lista ta' deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni meħuda mill-Istati taż-ŻEE-EFTA f'konformità mal-Artikolu 64(8) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH) fit-tieni nofs tal-2017 .... 13
2018/C 305/12	Prodotti mediċinali — Lista ta' awtorizzazzjonijiet tal-kummerċjalizzazzjoni mogħtija mill-Istati taż-ŻEE-EFTA għat-tieni nofs tas-sena 2017 ..... 15

---

## V Avviżi

### PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

#### L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO)

2018/C 305/13	Avviż ta' kompetizzjoni ġenerali ..... 34
---------------	---

### PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

#### Il-Kummissjoni Ewropea

2018/C 305/14	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9072 — KKR/Altice/SFR Filiale) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata <sup>(1)</sup> ..... 35
---------------	---

---

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

## II

*(Komunikazzjonijiet)*KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠJI  
U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata****(Il-Każ M.8970 — Sumitomo/Parkwind/Northwester2)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2018/C 305/01)

Fit-30 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup>. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32018M8970. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro <sup>(1)</sup>

Id-29 ta' Awwissu 2018

(2018/C 305/03)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,1660	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5093
JPY	Yen Ġappuniż	129,73	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,1524
DKK	Krona Daniża	7,4571	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,7413
GBP	Lira Sterlina	0,90500	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5941
SEK	Krona Żvediża	10,6923	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 299,27
CHF	Frank Żvizzeru	1,1385	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	16,8176
ISK	Krona İzlandiża	124,90	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,9626
NOK	Krona Norveġiża	9,7475	HRK	Kuna Kroata	7,4370
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	17 087,73
CZK	Krona Ċeka	25,745	MYR	Ringgit Malażjan	4,8076
HUF	Forint Ungeriż	324,63	PHP	Peso Filippin	62,375
PLN	Zloty Pollakk	4,2838	RUB	Rouble Russu	79,4075
RON	Leu Rumun	4,6417	THB	Baht Tajlandiż	38,140
TRY	Lira Turka	7,5236	BRL	Real Brażiljan	4,8451
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5989	MXN	Peso Messikan	22,3252
			INR	Rupi Indjan	82,3405

<sup>(1)</sup> Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea**

(2018/C 305/04)

Skont l-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 <sup>(1)</sup>, in-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup> qed jiġu emendati kif ġej:

Fil-paġna 379

**9401 Sits (seats) (ħlief dawk tal-intestatura 9402), kemm jekk jinbidlu f'sodod jew le, u partijiet tagħhom**

Għandu jiżdied dan it-test wara t-test eżistenti:

“Għall-finijiet ta' din l-intestatura, kull referenza għall-bambù tapplika biss għall-materjali veġetali tal-intestatura 1401. Min-naħa l-oħra, għall-finijiet ta' din l-intestatura, kull referenza għall-injam tapplika biss għall-pjanċi tal-bambù tal-intestatura 4412. (Ara wkoll in-nota 1(b) u nota 6 tal-Kapitolu 44).”

**9403 Għamara oħra u partijiet tagħha**

Għandu jiżdied dan it-test wara l-paragrafu eżistenti:

“In-Nota ta' Spjega għall-intestatura 9401 dwar ir-referenzi għall-“bambù” u għall-“injam” tapplika *mutatis mutandis*.”

---

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU C 76, 4.3.2015, p. 1.

**Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea**

(2018/C 305/05)

Skont l-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 <sup>(1)</sup>, in-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup> qed jiġu emendati kif ġej:

Fil-paġna 379

**9403 Għamara oħra u partijiet tagħha**

Għandu jiżdied dan it-test wara t-test eżistenti:

“Din l-intestatura ma tinkludix ‘skrin ta’ informazzjoni’ bħal ‘avviżieri għal barra’ u ‘avviżieri li jitremblu’.

Dawn għandhom jiġu kklassifikati f'intestaturi oħra tan-Nomenklatura fejn jiġu inklużi aktar speċifikament (pereżempju, l-avviżieri għal barra mal-uċuħ għall-kitba jew għad-disinjar li jikkorrispondu għall-prodotti tal-intestatura 9610) jew skont il-materjal li huma magħmulin minnu:


- (a) taħt intestatura li tkopri speċifikament dawn l-oġġetti (pereżempju, il-pjanċi ta' metall ta' valur baxx li jikkorrispondu għall-prodotti tal-intestatura 8310 huma kklassifikati taħt din l-intestatura), jew
- (b) taħt intestatura li tkopri diversi oġġetti ta' dan il-materjal (pereżempju l-intestatura 3926 jew l-intestatura 7616).

Eżempju ta' avviżiera għal barra li jrid jiġi kklassifikat fl-intestatura 9610:



Avviżiera għal barra b'wiċċ tal-blekbord.

Eżempju ta' avviżiera għal barra li jrid jiġi kklassifikat fl-intestatura 8310:




Avviżiera għal barra magħmul biss minn metall ta' valur baxx.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU C 76, 4.3.2015, p. 1.

Eżempji ta' 'avviżieri għal barra' li għandhom jiġu kklassifikati skont il-materjal li huma magħmulin minnu, taħt intestatura li tkopri diversi oġġetti ta' dan il-materjal:




Bażi ta' plastik iebs bil-parti ta' fuq magħmula minn frejm tal-aluminju u minn folja tal-plastik fin-nofs, mik-sija miż-żewġ naħat b'rita trasparenti tal-PVC.

Bażi u frejm tal-aluminju bi qfieli tal-lasktu u b'rita trasparenti tal-PVC li tiksi folja tal-karta.

L-intestatura 7616 (il-karattru essenzjali jingħata bil-frejm tal-aluminju).

L-intestatura 7616 (il-karattru essenzjali jingħata bil-frejm tal-aluminju).



Pjanċa ċentrali tal-plastik imwahnha ma' ħames vireg (bsaten) tal-plastik, ta' kważi l-istess tul, u li kollha kemm huma jistgħu jintlewew f'direzzjonijiet differenti. Fit-tarf ta' erba' vireg hemm ganċ tal-plastik, filwaqt li l-ħames virga għandha mwaħħal tapp tal-plastik.

L-intestatura 3926 (l-oġġett huma magħmul biss mill-plastik)."

**Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni**

(2018/C 305/06)



*Wiċċ nazzjonali tal-munita commemorattiva l-ġdida taż-EUR 2, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mil-Lussemburgu*

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona tal-euro. Sabiex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha <sup>(1)</sup>. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 <sup>(2)</sup>, l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti commemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti taż-EUR 2 biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn commemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazzjonali jew Ewropej.

**Pajjiż li qiegħed joħroġ il-munita:** Il-Lussemburgu

**Suġġett tal-kommemorazzjoni:** Il-175 anniversarju mill-mewt tal-Gran Duka Guillaume l-ewwel

**Deskrizzjoni tad-disinn:** Id-Disinn juri fuq in-naħa tal-lemin tax-xbieha tal-Altezza Rjali Tiegħu, il-Gran Duka Henri, jħares lejn ix-xellug u fuq in-naħa tax-xellug ix-xbieha tal-Altezza Rjali Tiegħu, il-Gran-Duka Guillaume l-ewwel. Bejn iż-żewġ xbihat hemm impenġija is-snin "1772-1843" flimkien mal-isem "Guillaume Ier". Fil-qiegħ jidher it-test "LUXEMBOURG" u l-annu "2018".

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

**Għadd ta' muniti li huwa stmat li se jinħarġu:** 500 000

**Data tal-ħruġ:** Settembru 2018

<sup>(1)</sup> Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

<sup>(2)</sup> Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).



# KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## Sommarju tal-Opinjoni dwar il-proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-użu mill-ġdid ta' Informazzjoni tas-Settur Pubbliku (PSI)

(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-Ingliż, bl-Franċiż bil-Ġermaniż fuq is-sit web tal-KEPD [www.edps.europa.eu](http://www.edps.europa.eu))

(2018/C 305/07)

Id-Direttiva dwar l-Infommazzjoni tas-Settur Pubbliku (PSI) għandha l-għan li tiffaċilita l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku mal-Unjoni Ewropea kollha billi tarmonizza l-kundizzjonijiet bażiċi li jagħmlu l-PSI disponibbli għal dawk li jergħu jużawha mill-ġdid, sabiex issaħħaħ l-iżvilupp tal-prodotti u s-servizzi bbażati fuq il-PSI u sabiex tevita distorsjonijiet fil-kompetizzjoni.

Id-dispożizzjonijiet il-ġodda jinkludu t-tweżigh tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għal dokumenti miżmuma minn impriżi pubbliċi attivi fl-oqsma dwar l-akkwist bħal entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, tal-enerġija, tat-trasport u dawk postali. Barra minn hekk, hija tapplika għal dokumenti miżmuma minn impriżi pubbliċi li jaġixxu bħala operaturi tas-servizzi pubbliċi, sakemm tali dokumenti jiġu prodotti bħala parti mis-servizzi fl-interess ġenerali. Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni tal-Proposta se jitwessa' wkoll għal data ta' riċerka speċifika bħal riżultati ta' proċessi xjentifiċi ta' ġbir ta' informazzjoni.

L-Opinjoni tiffoka fuq rakkomandazzjonijiet speċifiċi sabiex tiċċara aħjar ir-relazzjoni u l-koerenza tad-Direttiva dwar il-PSI mal-eċċezzjonijiet tal-GDPR u dwar ir-referenza għal-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data. Barra minn hekk, hija tippredvi wkoll rakkomandazzjonijiet ulterjuri dwar l-anonimizzazzjoni u r-relazzjoni taġħha għall-ispejjeż u l-protezzjoni tad-data, u tiffoka wkoll fuq valutazzjoni tal-impatt dwar il-protezzjoni tad-data, filwaqt li tqis "politika dwar l-użu mill-ġdid aċċettabbli".

B'din l-Opinjoni dwar l-użu mill-ġdid tal-PSI, il-KEPD jibni fuq il-ħidma li saret diġà dwar il- "Big Data Tajba" (il-"qsim tad-data bbażat fuq il-valuri tal-UE"), u l-aktar fuq l-opinjonijiet tal-KEPD u l-kummenti formali li nħarġu qabel, b'mod konsistenti mal-prattika taġħna dwar każijiet ta' superviżjoni. Barra minn hekk, aħna nindikaw il-kwistjonijiet li jeħtieġu armonizzazzjoni fil-livell tal-UE sabiex tiġi permessa r-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-PSI biex jinkisbu l-benefiċċji mistennija.

Fil-kuntest tal-Artikolu 1(2)(g) tal-Proposta, il-KEPD jirrakkomanda li r-relazzjoni u l-koerenza tal-PSI mal-GDPR tiġi ċċarata aħjar billi jiġi ppreżentat suġġeriment ta' abbozzar.

Barra minn hekk, il-KEPD jissuġġerixxi l-introduzzjoni mill-ġdid tad-dispożizzjoni speċifika li bħalissa hija inkluża fl-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2013/37/UE fid-dispożizzjonijiet ewlenin tad-Direttiva u li jiġi ddkjarat b'mod ċar li tapplika d-definizzjoni ta' "data personali" tal-Artikolu 4(1) tal-GDPR. Il-KEPD jirrakkomanda wkoll li r-referenza tiżdied mal-Awtorità Superviżorja stabbilita bl-Artikolu 51 tal-GDPR skont l-Artikolu 4(4) tal-Proposta.

Il-KEPD jirrakkomanda wkoll l-appoġġ tal-użu tal-anonimizzazzjoni billi jagħmel referenza għal "informazzjoni anonima" fit-test legali u li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-entitajiet intitolati li jinkludu spejjeż ta' anonimizzazzjoni fl-ispejjeż li jistgħu jiġu imposti fuq dawk li jergħu jużaw l-informazzjoni.

Bħala l-aħħar rakkomandazzjoni, il-KEPD jissuġġerixxi li jiġu previsti valutazzjonijiet tal-impatt dwar il-protezzjoni tad-data, għal setturi speċifiċi li jindirizzaw data sensittiva, bħas-settur tas-saħħa, li fuqhom il-liċenzjatur jenħtieġ li jibbaża d-deċiżjoni tiegħu u konsegwentement iqis il-kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid tal-informazzjoni.

## 1. INTRODUZZJONI U SFOND

1. Fil-25 ta' April 2018, il-Kummissjoni adottat Proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2013/37/UE (wara reviżjoni tad-Direttiva 2003/98/KE) dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (PSI) (il-"Proposta"). Il-Proposta hija parti mill-"Pakkett tad-Data 2018", li jinkludi wkoll dokumenti importanti oħra: (i) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Lejn spazju tad-data Ewropew komuni" (il-"Komunikazzjoni"); (ii) Gwida dwar il-qsim tad-data tas-settur privat, fil-forma ta' Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ("Gwida"); u (iii) evalwazzjoni tad-Direttiva dwar il-PSI.

2. L-objettiv tal-Proposta huwa li taġġorna u temenda t-test eżistenti tad-Direttiva 2013/37/UE u d-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku (id-Direttiva dwar il-PSI).
3. Ir-reviżjoni tad-Direttiva hija waħda mit-tliet "miżuri" proposti mill-Kummissjoni lejn spazju tad-data komuni fl-UE (ara l-Komunikazzjoni "umbrella" mill-Kummissjoni COM (2018) 232, għalhekk "il-Komunikazzjoni"), flimkien mal-Gwida dwar il-qsim ta' data tas-settur privat [...] u l-aġġornament tar-Rakkomandazzjoni dwar l-aċċess għal u l-preservazzjoni tal-informazzjoni xjentifika [...].
4. Billi tipproponi li temenda d-Direttiva dwar il-PSI, il-Kummissjoni Ewropea għandha l-għan li tiffaċilita l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku bħal data legali, dwar it-traffiku, meteoroloġika, ekonomika u finanzjarja mal-Unjoni Ewropea kollha billi tarmonizza l-kundizzjonijiet bażiċi li jagħmlu l-PSI disponibbli għal dawk li jerġgħu jużaw l-informazzjoni, sabiex issaħħaħ l-iżvilupp tal-prodotti u s-servizzi tal-Komunità bbażati fuq il-PSI u biex tevita distorsjonijiet fil-kompetizzjoni.
5. B'mod partikolari, l-objettiv globali tal-Proposta huwa li tkun konformi mal-objettivi tal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali. Il-Proposta għandha l-għan li ssaħħaħ l-effett tad-Direttiva billi ssaħħaħ dispożizzjonijiet speċifiċi u timmodifikahom kif xieraq sabiex iżżid l-ammont ta' data tas-settur pubbliku disponibbli għall-użu mill-ġdid. L-inizjattiva, b'mod speċifiku, għandha wkoll l-għan li ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-Intrapriżi Żgħar u Medji fis-suq tad-data billi tagħti kompetizzjoni aktar ġusta u aċċess aktar faċli għas-swieq, flimkien mat-tisħiħ tal-innovazzjoni transfruntiera.
6. Id-dispożizzjonijiet rilevanti l-ġodda tad-Direttiva jinkludu l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha għad-dokumenti miżmuma minn impriżi pubbliċi attivi fl-oqsma dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, tal-enerġija, tat-trasport u tas-servizzi postali. Barra minn hekk, hija tapplika għal dokumenti miżmuma minn impriżi pubbliċi li jagħmlu bħala operaturi tas-servizzi pubbliċi, sakemm tali dokumenti jiġu prodotti bħala parti mis-servizzi fl-interess ġenerali. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta se jiġi mwessa' wkoll għal data tar-riċerka speċifika bħal riżultati ta' proċessi għas-sejbien ta' fatti xjentifiċi (jiġifieri esperimenti u sħarriġiet). Fil-prattika, il-proposta "(...) tistabbilixxi qafas orizzontali li jipprovdri armonizzazzjoni minima tal-kundizzjonijiet tal-użu mill-ġdid fl-oqsma u fis-setturi." <sup>(1)</sup>
7. Il-KEPD jinnota b'ċertezza li skont il-Kummissjoni Ewropea, ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-PSI għandha l-għan li trawwem l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, kif indikat mill-Kummissjoni, billi "tnaqqas ix-xkiel għad-dħul fis-suq, l-aktar għall-intrapriżi żgħar u medji; tnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' vantaġġi eċċessivi tal-innovatur, u dan hu ta' benefiċċju għall-kumpaniji kbar u b'hekk jillimita l-għadd ta' utenti li jużaw id-dejta inkwistjoni; iżżid l-opportunitajiet tan-negozju billi tħeġġeġ il-pubblikazzjoni ta' dejta dinamika u l-adozzjoni ta' interfaċċi tal-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet (APIs)." <sup>(2)</sup>
8. Id-Direttiva dwar il-PSI hija parti mill-viżjoni tal-UE dwar it-trawwim ta' "Big Data Tajba". L-informazzjoni dwar is-settur pubbliku hija sors ewlieni tal-"materja prima" tal-Big Data tas-Suq Uniku Diġitali. L-użu intelliġenti tad-data, inkluż l-ipproċessar tagħha permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali, jista' jkollu effett trasformattiv fuq is-setturi kollha tal-ekonomija.
9. F'Settembru 2016, il-KEPD, bl-*Opinion on coherent enforcement of fundamental rights in the age of big data* <sup>(3)</sup> (Opinjoni dwar infurzar koerenti tad-drittijiet fundamentali fl-era tal-big data), kien diġà ressaq strateġija għat-tiswir ta' ċiberspazju tal-UE bbażat fuq valuri tal-UE, li jindika kwistjonijiet bħall-konċentrazzjoni tas-suq u s-setgħa tal-informazzjoni; u suq dgħajef għal Teknoloġiji tal-Infurzar tal-Privatezza ("PETS") bħala miżuri għat-tnaqqis tal-ipproċessar tad-data personali mingħajr ma tintilef il-funzjonalità ta' prodott jew servizz (kif ispirata mill-prinċipju tal-privatezza mid-disinn <sup>(4)</sup> u b'mod awtomatiku).
10. Barra minn hekk, il-KEPD jixtieq ifakkar ir-rilevanza fil-protezzjoni tad-data tal-"prinċipji ewlenin" li, skont il-Kummissjoni Ewropea, jenħtieġ li jiġu rrispettati fil-kuntest tal-użu mill-ġdid tad-data, jiġifieri (i) li jitnaqqas il-lock-in tad-data u tiġi żgurata kompetizzjoni mingħajr distorsjoni; (ii) it-trasparenza u l-parteċipazzjoni soċjetali għall-użu mill-ġdid fir-rigward taċ-ċittadini/suġġetti tad-data kif ukoll it-trasparenza u definizzjoni ta' għan ċar bejn il-liċenzjatur u d-detenturi ta' liċenzji; (iii) valutazzjoni tal-impatt dwar il-protezzjoni tad-data u salvagwardji tal-protezzjoni tad-data xierqa għall-użu mill-ġdid (skont prinċipju ta' "tagħmilx ħsara" - skont il-perspettiva dwar il-protezzjoni tad-data).
11. Filwaqt li l-KEPD ġie kkonsultat b'mod informali mill-Kummissjoni Ewropea, ma ġiex ikkonsultat b'mod formali kif mitlub mill-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001. L-Opinjoni hija għalhekk ibbażata fuq l-Artikolu 41(2) tal-istess Regolament. Il-KEPD jirrakkomanda li tiġi inkluża referenza għal din l-Opinjoni fil-preambolu tal-istrument adottat.

<sup>(1)</sup> Memorandum ta' spjegazzjoni għall-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku (riformulazzjoni), p. 3

<sup>(2)</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "Għal Spazju tad-dejta komuni Ewropew", p. 5

<sup>(3)</sup> [https://edps.europa.eu/sites/edp/files/publication/16-09-23\\_bigdata\\_opinion\\_en.pdf](https://edps.europa.eu/sites/edp/files/publication/16-09-23_bigdata_opinion_en.pdf), dwar l-użu mill-ġdid p. 9.

<sup>(4)</sup> Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta' Mejju 2018-Preliminary Opinion on Privacy by Design (Opinjoni Preliminari dwar il-Privatezza mid-Disinn).

## 7. KONKLUŻJONI

Finalment, il-KEPD jirrakkomanda:

- il-modifika tal-Artikolu 1(2)(g) tal-Proposta u li tiġi prevista formulazzjoni speċifika dwar id-differenza bejn “dokumenti” u “partijiet ta’ dokumenti” li għaliha d-Direttiva dwar il-PSI ma tkunx applikabbli għal raġunijiet ta’ protezzjoni tad-data.
- iż-żieda ta’ referenza għall-Awtorità Superviżorja stabbilita mill-Artikolu 51 tal-GDPR skont l-Artikolu 4(4) tal-Proposta, sabiex tkompli tissaħħa ir-rabta bejn l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku u l-protezzjoni tad-data personali.
- li tiġi introdotta mill-ġdid id-dispożizzjoni speċifika dwar liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data li bħalissa hija inkluża fl-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2013/37/UE fil-parti sostantiva tal-Proposta (inkluż l-aġġornament neċessarju tar-referenzi għall-istrumenti legali li bħalissa jinsabu fis-seħħ).
- li jkompli jiġi indikat l-użu tal-anonimizzazzjoni fil-kuntest tal-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku billi tiġi inkluża referenza għal “informazzjoni anonima” fit-test legali u jiġi mwessa’ l-kamp ta’ applikazzjoni tal-entitajiet intitolati li jinkludu spejjeż ta’ anonimizzazzjoni fl-ispejjeż li jistgħu jiġu imposti fuq dawk li jergħu jużaw l-informazzjoni.
- li fil-Proposta jiġi ddikjarat b’mod ċar li tapplika d-definizzjoni ta’ “data personali” skont l-Artikolu 4(1) tal-GDPR.
- li jiġu previsti valutazzjonijiet tal-impatt dwar il-protezzjoni tad-data, għal setturi speċifiċi li jindirizzaw id-data sensittiva, bħas-settur tas-saħħa, li fuqhom il-liċenzjatur jenħtieġ li jibbaża d-deċiżjoni tiegħu u konsegwentement jit-qiesu l-kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid.
- Bħala l-aħħar kumment, għat-tressiq ta’ dawn ir-rakkomandazzjonijiet, il-KEPD jenfasizza ir-rilevanza fil-protezzjoni tad-data tal-“prinċipji ewlenin” li ġejjin, li skont il-Kummissjoni jenħtieġ li jiġu rispettati fil-kuntest tal-użu mill-ġdid tad-data, jiġifieri:
  - (i) lock-in tad-data mnaqqas u li tiġi żgurata kompetizzjoni mhux distorta;
  - (ii) Trasparenza u parteċipazzjoni soċjetali b’rabta mal-għan tal-użu mill-ġdid fir-rigward taċ-ċittadini/is-suġġetti tad-data kif ukoll definizzjoni dwar it-trasparenza u l-għan ċar bejn il-liċenzjatur u d-detenturi ta’ liċenzji;
  - (iii) Valutazzjoni tal-impatt dwar il-protezzjoni tad-data u salvagwardji xierqa dwar il-protezzjoni tad-data għall-użu mill-ġdid (skont prinċipju ta’ “tagħmilx ħsara” -skont il-perspettiva tal-protezzjoni tad-data).

Brussell, l-10 ta’ Lulju 2018.

Giovanni BUTTARELLI

Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

## INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

**Avviż informattiv tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità**

**Impożizzjoni ta' obbligi tas-servizz pubbliku fir-rigward tas-servizzi tal-ajru bi skeda**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 305/08)

L-Istat Membru	Il-Portugall
Rotta kkonċernata	Bragança – Vila Real – Viseu – Cascais – Portimão – Cascais – Viseu – Vila Real – Bragança
Data tad-dħul fis-seħħ tal-obbligi tas-servizz pubbliku	Mit-23 ta' Diċembru 2018
Indirizz imnejn jistgħu jinkisbu t-test u kwalunkwe informazzjoni u/jew dokumentazzjoni rilevanti marbuta mal-obbligi tas-servizz pubbliku	Id-dokumenti kollha jinsabu fuq: <a href="http://www.saphety.com">http://www.saphety.com</a> Għal aktar informazzjoni kkuntattja lil: Ministério do Planeamento e das Infraestruturas Gabinete do Secretário de Estado das Infraestruturas Av. Barbosa do Bocage n.º 5 – 2.º andar 1049-039 Lisboa PORTUGAL Email: <a href="mailto:gab.infraestruturas@mpi.gov.pt">gab.infraestruturas@mpi.gov.pt</a>

**Avviż informattiv tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità**

**Modifika tal-obbligi tas-servizz pubbliku fir-rigward tas-servizzi tal-ajru bi skeda**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 305/09)

L-Istat Membru	Ir-Renju Unit
Rotta kkonċernata	Oban – Coll Oban – Colonsay Oban – Tiree Coll – Tiree
Data oriġinali tad-dħul fis-seħħ tal-obbligi tas-servizz pubbliku	it-2 ta' Marzu 2007
Data tad-dħul fis-seħħ tal-modifiki	is-16 ta' Mejju 2019
Indirizz imnejn jistgħu jinkisbu t-test u kwalunkwe informazzjoni u/jew dokumentazzjoni rilevanti marbuta mal-obbligu tas-servizz pubbliku	Id-dokumenti kollha jinsabu fuq: <a href="http://www.publiccontractsscotland.gov.uk">http://www.publiccontractsscotland.gov.uk</a> Għal aktar informazzjoni kkuntattja lil: Argyll and Bute Council Council Offices Kilmory Lochgiphead Argyll and Bute Council PA31 8RT Scotland UNITED KINGDOM Tel. +44 1546604239 Kuntatt: Christine Todd Email: Christine.Todd@argyll-bute.gov.uk

**Avviż informattiv tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità**

**Sejħa għall-offerti għall-operat tas-servizzi tal-ajru bi skeda skont l-obbligi tas-servizz pubbliku**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 305/10)

L-Istat Membru	Ir-Renju Unit
Rotta kkonċernata	Oban – Coll Oban – Colonsay Oban – Tiree Coll – Tiree
Perjodu ta' validità tal-kuntratt	Mis-16 ta' Mejju 2019 sal-15 ta' Mejju 2022
Skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni-jiet u tal-offerti	fid-19 ta' Novembru 2018.
Indirizz imnejn jistgħu jinkisbu t-test tas-sejħa għall-offerti u kwalunkwe informazzjoni u/jew dokumentazzjoni rilevanti marbuta mal-offerta pubblika u mal-obbligu tas-servizz pubbliku	Id-dokumenti kollha jinsabu fuq: <a href="http://www.publiccontractsscotland.gov.uk">http://www.publiccontractsscotland.gov.uk</a> Għal aktar informazzjoni kkuntattja lil: Argyll and Bute Council Council Offices Kilmory Lochgiphead Argyll and Bute Council PA31 8RT Scotland UNITED KINGDOM Tel. +44 1546604239 Kuntatt: Christine Todd Email: Christine.Todd@argyll-bute.gov.uk

**INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA****IL-KUMITAT PERMANENTI TA' L-ISTATI EFTA**

**Sustanzi perikolużi — Lista ta' deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni meħuda mill-Istati taż-ŻEE-EFTA f'konformità mal-Artikolu 64(8) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH) fit-tieni nofs tal-2017**

(2018/C 305/11)

